MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2012

Numru 1269/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana)**

**vs.**

**Paul Previ**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Paul Previ, ta’ disgha u tletin (39) sena, imwieled Pieta nhar it-2 ta’ Frar 1972, bin Joseph u Mary Anne nee’ Grima, imwieled Pieta’ u residenti gewwa numru 25, ‘Casa Maria Dolores’, Triq Kent, Fgura u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 107272(M), akkuzat talli:

1. Fl-4 ta’ Lulju 2010 ghall-habta tad-9.00hrs gewwa l-fond numru 70, Gardjola, Triq il-Folklor,

Birzebbuga minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Karen Gafa minn Birzebbuga, skont kif iccertifikat Dr. Alexandra Baldacchino MD mic-Centru tas-sahha ta’ Rahal Gdid;

2. U talli fl-istess data, lok u hin hebb ghal Karen Gafa u dan sabiex jingurjaha, jdejjaqha jew jaghmlilha hsara.

Il-Qorti giet mitluba li barra l-piena stabbilita ghal dan ir-reat tapplika l-provvedimenti ta’ l-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta’ ta’ Karen Gafa.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali (*fol.* 8) sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja (*fol.* 15).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-prosekuzzjoni.

Rat illi l-imputat ghazel li ma jixhidx u ma ressaq l-ebda prova.

**Ikkunsidrat**

Illi, fis-seduta tas-6 ta Frar 2012, xehdet **Dr. Alexandra Baldacchino** (*fol.* 16 *et seq.*) fejn giet murija certifikat mediku (Dok. “PC 1” – *fol.* 9) u kkonfermat il-kontenut kollu tieghu ghajr ghal dak imnizzel wara n-numru sitta, li tghid li gie mizjud minn xi hadd iehor. Rigward l-*injuries* sofferti, tghid illi dawn gew klassifikati bhala *grievous* minhabba li l-parte leza forsi kellha xi *fracture* u forsi setghu jhallu xi *scaring*. Ikkonfermat ukoll li dawn l-i*scars* hallew xi punti f’zewg postijiet: *left brow* u *right infro orbital area*. Mistoqsija in kontro-ezami jekk tinsabx f’pozizzjoni tghid jekk l-i*scaring* jew il-*fracture* okkorriex, wiegbet li rigward *fracture* ma kienx hemm u rigward *scaring* ma tistax tghid.

Illi, fis-seduta tas-6 ta Frar 2012, xehdet **Karen Gafa** (*fol.* 19 *et seq.*) fejn din qalet illi hi u l-imputat kellhom relazzjoni ta' madwar sentejn u erba' xhur u li dakinhar ta' l-4 ta' Lulju 2010 kellhom argument bejniethom minhabba li l-imputat ried igibilha l-irgiel id-dar biex tkun tista' tipprostitwixxi ruhha u tghid li hi m'accettatx. Tixhed li dakinhar l-imputat qam irrabjat ghall-habta tat-tmienja ta' filghodu, halla t-televizjoni b'volum gholi u, peress li t-tifla taghha (li dak iz-zmien kellha hames snin) kienet ghadha rieqda, qaltlu biex ibaxxielu u qaltlu li seta' jmur ghand ommu jekk ried jgholli l-volum tat-televizjoni. Tiddeskrivi wkoll li kien hemm hin ta' ghajjat u storbju u t-tifla qamet, bdiet tibza', marret hdejha u l-imputat taha xeba u ghamlilha tmien punti f'wiccha. Tghid li spiccat b'erba' punti taht ghajnejha l-leminija u erba' ohra ma' genb l-ghajn ix-xellugija. Ezebiet tlett ritratti li gew immarkati bhala Dok. "KG 1" sa "KG 3". Tispjega li tterminat ir-relazzjoni hi stess dakinhar fil-ghaxija u wara gimgha komplew ir-relazzjoni ta' bejniethom ghal sena ohra. Gafa tghid ukoll li dak indikat bin-numru sitta fic-certifikat tat-tabib (*fol.* 9) gie miktub mit-tabib ta l-isptar. Tenniet li kienet interessata fil-proceduri kriminali kontra l-imputat. In <u>kontro-ezami</u>, Gafa giet mistoqsija tghid jekk kinietx ghamlitlu xi haga qabel l-imputat irritalja u ssuggerielha li hi kienet girfitu, u hi wiegbet li ma tiftakarx x'ghamlet pero tghid li hemm differenza jekk girfitu hi milli tara dak li ghamel lilha hu mir-ritratti. Ikkonfermat ukoll li l-*bruises* damu madwar gimgha u nofs. Gafa giet mistoqsija tikkonferma jekk kienx minnu li lill-imputat kienet qaltlu s-segwenti kliem: *"qabel noqtlok ma noqghodtx bi kwieti ha tara sa fejn twassalni inti"* (*fol.* 23). It-twegiba ta' Gafa kienet: *"Ha nghidlek kien hemm hafna affarijiet, jekk hemm message issejvat li bghatt jiena u jingiebu l-messaggi li kont nircievi jien minn ghandu"* (*fol.* 23). Iktar tard Gafa qalet ukoll li l-imputat kien jaqlibilha u hi ma setghetx taghmel xejn, anqas tmur ghax-xoghol, ghax l-imputat kien imur warajha.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Frar 2012, xehdet ukoll l-i**Spettur Pricilla Caruana**, (*fol.* 27 *et seq.*) fejn qalet li fl-4 ta' Lulju 2010 gew infurmati minn Karen Gafa li kellha argument mal-*partner* taghha, cioé l-imputat, fejn ukoll sofriet xi

griehi fuq wiccha.  Tghid li dakinhar baghtet ghall-imputat, haditlu *statement* fl-ufficju taghha, fejn l-istess imputat kien ammetta li kien hemm argument fil-ghodu fejn Gafa kienet se tigriflu wiccu bid-dwiefer taghha.  Ezebiet l-i*statement* li gie mmarkat bhala Dok. "PC 3" (*fol.* 30).  In kontro-ezami l-iSpettur giet mistoqsija rigward il-kwistjoni tal-prostituzzjoni u wiegbet li ma kinitx taf biha u li semghet dwarha biss dakinhar li xehdet Gafa fil-qorti.

Illi, fis-seduta tas-6 ta Frar 2012 xehed ukoll **PC 1321 Eman Hayman** (*fol.* 33) li pprezenta ir-rapport li gie immarkat bhala Dok. "EH 1" (*fol.* 35).  In kontro-ezami qal li l-argument kien ghaliex Gafa kienet qieghda tahdem go fabbrika De La Rue u skond Gafa, Previ kien qed jargumenta maghha ghax fejn kienet qieghda tahdem kien hemm ammont ta' rgiel li jahdmu maghha.  Jghid li Gafa' ma ssemmietlu l-ebda kliem fuq prostituzzjoni.

Riferenza ghandha ssir ghal l-istqarrija rilaxxata mill-imputat (Dok. "PC 3" – *fol.* 30 *et seq.*) fejn l-imputat stqarr li kienu damu xi jumejn miggieldin u kien qal lil Gafa sabiex jieqfu jaraw lil xulxin u li hi bdiet tibghatlu l-messaggi jumejn shah u kienet tghidlu li kienet ghadha thobbu u sabiex jergghu jirrangaw.  Jghid li fil-bidu ma riedx imur, u wara jumejn, ghax ihobbha, mar ghandha ghax ippretenda li l-affarijiet ha jitrangaw.  Jispjega li minflok l-affarijiet marru ghall-ahjar, Gafa bdiet tiggieled mieghu u tghajjru.  Jghid li girfitlu wiccu bid-dwiefer peress li ghandha d-dwiefer, hu laqatha (la jaf jekk hux darba jew darbtejn) go wiccha.  Mistoqsi dwar il-fatt jekk hu tahiex daqqtejn u mhux laqatha, jghid li ma hax pjacir li laqtitu f'wiccu u hu mbutta jdejh u laqatha f'wiccha, u qal li ma ried jaghmlilha xejn.  Fl-istqarrija tieghu l-imputat jghid li hu laqatha lil Gafa u mhux ta daqqa ta' ponn.  Kompla jghid li ma kellux certifikati u qal li f'wiccu kellhu tbengila bid-dwiefer ta' Gafa.

**Ikkunsidrat**

Illi, wara li ezaminat bir-reqqa l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz, il-Qorti ghandha s-segwenti xi

tghid rigward iz-zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat:

- Fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, mix-xhieda moghtija minn Dr. Alexandra Baldacchino ma jirrizultax li l-parti leza kellha xi ksur jew xi *scaring*. Il-parte leza qalet li hi taghmel il-*make up* kuljum halli l-punti ma jidhrux. Barra minn hekk, ma tirrizulta l-ebda prova mill-Prosekuzzjoni li effettivament il-parti leza spiccat bi *scars*.

Il-Qorti tibda billi taghmel riferenza ghall-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Generoso Sammut** deciza fit-2 ta' Awissu 1999. Il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti dwar l-offiza fuq il-persuna:

*"Hi żbaljata l-idea, spis ventilata, li biex issir il-prova skont il-Liġi u sal-grad li trid il-Liġi ta' offiża fuq il-persuna hemm bżonn ta' ċertifikat mediku jew tad-depożizzjoni ta' tabib. Tali ċertifikat jew depożizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jekk mid-depożizzjoni ta' xhieda oħra, inklużi l-parti offiża, jibqala' xi dubju reġonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiża fuq il-persuna u jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiża".*

Fid-decizjoni moghtija fit-30 ta' Lulju 2004, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza".*

- Fir-rigward tat-<u>tieni imputazzjoni</u> migjuba kontra l-imputat, il-Qorti hija sodisfatta mill-provi li din giet pruvata. Illi dwar din l-imputazzjoni, li hija kontravenzjoni kontra l-persuna, il-Qorti tinnota li din il-kontravenzjoni tista' titqies bhala mezz ai fini tal-kummissjoni tar-reat dwar l-offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna u ghalhekk l-imputat ser jigi moghti l-piena ghar-reat l-iktar gravi u dana kif previst fl-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

Illi, filwaqt li l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat taghmel riferenza ghal offiza ta' natura gravi, in segwitu ta' dak li nghad hawn fuq, minn liema rrizulta li tali offiza ta' natura gravi ma tirrizultax, m'hemmx dubju li l-parte leza sofriet offiza ta' natura hafifa u abbazi tal-principju *'il piu' comprende il meno'*, il-Qorti jidrilha li ghandha tinstab htija tal-imputat talli kkaguna offiza ta' natura hafifa.

Illi, fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, kif diga nghad, din tirrizulta.

**Ikkunsidrat**

Illi meta tigi biex tigi tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom in-natura tal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat u kif ukoll il-fedina penali tieghu, minn liema jirrizulta li f'zewg okkazzjonijiet ohra huwa nstab hati li kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq zewg persuni differenti u ghaldaqstant il-piena li ghandha tigi nflitta ghandha sservi biex l-imputat jitghallem irazzan lilu nnifu fi kwalunkwe sitwazzjoni u jevita li jikkaguna griehi ta' natura hafifa lil nies ohra. Fic-cirkostanzi, il-Qorti thoss li piena ta' prigunerija xorta wahda ma tkunx l-piena idonea pero l-piena idonea ghandha tkun dik ta' hlas ta' multa.
Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 17(h), 221(1) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tar-reat minuri kompriz u involut fl-ewwel (1) imputazzjoni u cioé ta' offiza hafifa fuq il-persuna ta'

Karen Gafa u ssibu hati wkoll tat-tieni (2) imputazzjoni u tikkundannah multa ta'  tlitt mija u hamsin Euro (€ 350.00).

*In oltre*, il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hati b'garanzija personali ta' elf Euro (€ 1000) ghal zmien sena millum fil-konfront ta' Karen Gafa'.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------